MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 367/2012

**Giovanni Schembri Limited**
**C-5003**

**vs**

**D. Micallef & Son Import & Export Limited**
**C-25809**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u erbghin ewro (€840) ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Frar, 2012, u bl-imghax legali mill-25 ta' Lulju, 2011, data tal-konsenja sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ma gietx notifikata bl-Avviz.

Ra n-nota ta’ cessjoni li giet ipprezentata mis-socjeta’ attrici fis-7 ta’ Dicembru, 2012, li permezz taghha l-istess socjeta’ attrici cediet is-sorte stante pagament fil-mori tas-smiegh tal-kawza, u permezz ta’ liema nota s-socjeta’ attrici zammet ferm il-kap tal-ispejjez.
Ikkunsidra,
Illi ghalkemm mill-atti processwali ma jirrizultax meta sar il-bejgh u konsenja tal-merkanzija mertu ta’ din il-kawza, madanakollu, jidher illi tali bejgh sar diversi xhur ilu, ghaliex saret ittra interpellatorja fi Frar 2012 qabel ma giet proposta din l-azzjoni.  Illi mill-kumplament, il-hlas mis-socjeta’ konvenuta tas-sorte jidher illi gie mwettaq fil-mori ta’ dawn il-proceduri, u ghalhekk l-ispejjez relattivi ghal din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta’ konvenuta.
Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta’ attrici, jordna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ispejjez ta’ din il-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------